ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2025

Talba Nru: CCT169/25/DS

Nadine Borg

Vs

Patrick Grech – P& S Woodworks

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2025 fejn talbet illi l-intimat l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) stante illi hija ordnat kċina illi kellha tasal f'Ġunju, 2024 illi huwa baqa' ma kkompletax u li fuqha kienet ħallset tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) f'depożiti;

Ra illi intimat debitament notifikat bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolax risposta u għal din ir-raguni ġie meqjus kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda li tellgħet.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attriċi ordnat kċina illi fuqha għamlet depożitu ta' elf Ewro (€1,000) kif ukoll depożitu ulterjuri fuq il-materjal ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) liema kċina kien pattwit illi tkun lesta f'Ġunju tal-2024.

Illi minkejja diversi tentattivi u dati diversi illi l-intimat wiegħed illi ser jinstalla l-kċina fihom dan m'għamlux għalkemm kien installa bank temporanju biex tkun tista' tinqeda l-attriċi, liema bank ma kienx il-prodott finali.

Illi għalkemm hemm indikazzjoni illi kien hemm xi permessi magħmula mill-attriċi rigwardanti meta suppost kellha tiġi nstallata l-kċina, hija ma provdietx provi ta' ħlas dwar l-istess.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat id-dettalji dwar it-talba tagħha taħt ġurament. Galadarba l-intimat la għamel risposta u lanqas deher sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti ġraw hekk kif gie konfermat taħt ġurament.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi sa l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta sa l-imsemmi ammont.

Illi jidher ċar ukoll illi kien hemm inkonvenjent kemm bid-dewmien kif ukoll billi l-attriċi kellha wkoll tagħmel permessi għal parking spaces illi tħallsu għalxejn u dan l-inkonvenjent mhux ġust li jgħaddi inosservat.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tiegħa suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-

talba tiegħu għandha tiġi milqugħa sa l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500). Dan it-tribunal qiegħed ukoll jordna l-ħlas ta' ħamsin Ewro (€50) mingħand l-intimat għall-inkonvenjent illi soffriet l-attriċi.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiddikjara l-kuntratt bejnet l-attriċi u l-intimat xolt għall-fini u effetti kollha tal-liġi, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jħallas l-ammont ta' tlett elef u ħames mija u ħamsin Ewro (€3,550) lill-attriċi filwaqt illi jordna lill-istess intimat sabiex fi żmien ħmistax minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jieħu lura l-bank tal-kċina illi kien għamel temporanjament fil-propjeta' tal-attriċi, a spejjeż tiegħu. Huwa għandu jiġbor l-imsemmi bank bi ftehim mal-attriċi illi għandha tindika ġurnata u ħin, waqt il-ħin tax-xogħol, lill-intimat sabiex jiġbor l-istess. Jekk l-intimat ma jikkuntattjax lill-attriċi entro dan it-terminu dan ikun ifisser illi huwa m'huwiex interessat illi jieħu lura l-istess bank u l-attriċi tista' tiddisponi minnu kif trid.

Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru